MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 212/2012

A B

Vs

1) C B

u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2012

2) Dr Anthony Cutajar u il-PL Peter Sammut gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E B
3) Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2013, il-Qorti ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u l-PL Peter Sammut u nnominat lil C B bhala kuratrici biex tirraprezenta lil bintha minuri E B.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata C B kellhom relazzjoni flimkien (mhux fizzwieg), li waqt li kienet ghaddejja, twieldu l-minuri S B fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007), u E B fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B qed jigi anness u markat bhala Dokument A ;
2. Illi r-rikorrent kien gieh suspett illi l-minuri E B setghet ma kienitx bintu naturali, u difatti wara li saru t-testijiet medici relattivi hekk irrizulta, skont ma hu konfermat mid-Dokument B anness. L-intimata hbiet dan il-fatt mir-rikorrent u qarrqet bih ;
3. Illi r-rikorrent ma jridx illi jibqa' jidher li hu missier il-minuri E B fuq ic-certifikat tat-twelid, meta l-att tat-twelid ma jirriflettix la r-realta' biologika u lanqas dik socjali ;
4. Illi r-rikorrrent irid jichad milli jaghraf lill-minuri E B bhala bintu naturali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tiddikjara li l-minuri E B m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;
2) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri E B, mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "A B", in-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament, ghall-inqas mir-rikors guramentat li bih gie notifikat l-esponent, hemm nieqes il-hatra tal-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**
2. Illi jigi rilevat li l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;
3. Ili subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E B, li l-konvenuta C B tispecifika min hu l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodici Civili.** Di fatti huwa opportun li t-tifla ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;
4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew;

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta C B f'isimha proprio u bhala kuratrici tal-minuri E B, li permezz taghha iddikjarat :

Illi biha taqbel ma' l-ewwel talba tar-rikorrenti u cioe' li jigi dikjarat li l-minuri E B mhijiex il-wild naturali tar-rikorrenti u li r-rikorrenti mhuwiex il-missier naturali ta' l-istess, u dan stante ir-rizultat tat-testijiet medici relattivi;

Illi hija taqbel ukoll mat-tieni talba tar-rikorrenti hekk kif imnizzla fir-rikors guramentat tieghu;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' E B *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid taghha jindikah

bhala l-missier naturali taghha, l-istess minuri m’hijiex bintu naturali. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

Min-naha taghha, l-intimata C B tiddikjara li huwa minnu li l-minuri m’hijiex il-wild naturali tar-rikorrent u ghalhekk taqbel mat-talbiet hekk kif dedotti minnu.

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku iressaq biss eccezzjoni wahda ta’ natura legali u cioe’ l-ewwel eccezzjoni li tinkwadra ruhha fin-nuqqas li l-minuri tkun rapprezentata minn kuraturi deputati. Jidher li din l-eccezzjoni giet sollevata permezz ta’ rikors datat it-18 ta’ Settembru 2012[1] u d-digriet ta’ din il-Qorti datat it-3 ta’ Ottubru 2012. *Del resto* ma jressaq ebda eccezzjonijiet ohra ta’ natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m’hijiex il-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f’Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta giet pruvata. Minkejja dan, jirrileva li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li tkun taf min hu verament missierha u ghalhekk isostni li ghandu jkun kjamat fil-kawza.

## Il-Mertu tal-Kaz

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri E B li twieldet nhar it-22 ta’ Frar 2010[2] hija dikjarata li hija bintu, minn rizultati ta’ DNA rrizulta li l-istess minuri m’hijiex il-wild naturali tieghu.

---

[1] Ara a fol 11 tal-process
[2] Ara a fol 3 tal-process

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[3] ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri E B verament mhijiex il-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'hijiex bint ir-rikorrent. Dan ghaliex permezz tar-risposta guramentata taghha l-intimata tammetti t-talbiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tar-rikorrent. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghat-test ta' DNA esebit mill-intimata li jindika li W C huwa l-missier tal-minuri E. Dan it-test m'huwiex guramentat izda huwa indikazzjoni cara ta' min hu verament missier l-istess minuri. Fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2013, l-imsemmi W C jidher u jerga' jikkonferma li huwa l-missier tal-istess minuri b'dan li jaghti d-dettalji kollha necessarji tieghu. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li l-imsemmi W C jidher li huwa l-missier tal-istess tarbija izda in vista tal-mod ta' kif giet intavolata l-kawza odjerna, in vista tal-verbal tal-5 ta' Dicembru 2013 u in vista wkoll tal-fatt li W C baqa' qatt ma gie kjamat fil-kawza, il-Qorti hija prekluza milli tiddikjara li l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tal-attur izda l-wild naturali ta' W C.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri E B m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrent;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' E B b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent A B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf';

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

[3] Esebit a fol 38 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------